TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta ta’ l-Erbgha 23 ta’ Novembru 2016

Avviz Nru 38/2016

Go Plc

Vs

Audrey Schembri

It-Tribunal,

Ra’ l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ tlett elef seba mija u hamsa u tmenin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€ 3785.58) import ta’ servizzi ta’ telekomunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha u l-imghax.

Ra’ illi l-konvenuta giet notifikata b’dan l-avviz.

Il-konvenuta qatt ma pprezenta risposata, u dehret fejn ammettiet it-talba.

Ra’ u sema l-provi mressqa u ra’ d-dokumenti esebiti.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tal-11 ta’ Ottubru 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra’ l-bqija ta’ l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-kumpanija attrici fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2016 irriduciet it-talba u minnha naqset is-somma ta’ tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€ 325), ghal pretensjoni ta’ tlett elef erba’ mija u sittin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€ 3460.58).

Illi l-konvenuta dehret personalment seduta stante u ammettiet it-talba verbalment liema ammissjoni giet ivverbalizzata fl-atti.

Illi fuq ammissjoni u fuq il-provi prodotti dan it-Tribunal isib it-talba attrici bhala gustifikata.

Wara li ra' ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici, kif ridotta jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u sittin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€ 3460.58). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenuta.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur